# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 51**

**Avviz numru 94/00/SM**

**Middle Sea Insurance Company Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Antoinette Camilleri u l-istess Antoinette Camilleri.**

**vs**

**Anthony Schembri bhala kuratur ad litem ta' ibnu minuri Johann.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

**1. Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socejta' attrici et bhala**

**konsegwenza tal-incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta' Settembru 1998 gewwa Saint Edward Street, Qormi;**

2. **Illikwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici et fl-ammont ta' mitejn tnejn u tmenin liri Maltin tnejn u disghin centezmi (LM282.92,0) kif ukoll is-somma ta' LM25 bhala access mhallas mill-attrici Antoinette Camilleri, jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;**

3. **Ikkundannat ihallas lis-socejta' attrici et dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Novembru, 1999;**

4. **Bl-ispejjes u bl-imghax legali komprisi dawk ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Novembru, 1999;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-24 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Preliminarjament illi l-avviz tal-atturi huwa monk u konsegwentement null stante illi mart il-konvenut u omm il-minuri Johann, u cioe' Rita Schembri, mhix inkluza bhala parti f'dawn il-proceduri;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-incident tat-traffiku de quo izda sehh minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attrici Antoinette Camilleri;**

3. **Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat;**

4. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina kien sehh fl-10 ta' Settembru ta' l-1998 ghall-habta tas-7.30 ta' filghaxija f'St. Edward Street, Hal-Qormi;**

2. **Illi wara li s-sewwieqa tal-vettura tal-marka Daewoo bin-numru ta' registrazzjoni DAC-142 kellha ftit problemi hi u mixja fl-imsemmija triq, din waqfet fil-genb tat-triq biex tirranga l-mera ta' barra li kienet precedentement laqtet;**

3. **Illi meta dahlet fil-vettura taghha hi kienet ghadha wieqfa, semghet hoss fil-karozza;**

4. **Illi dan il-hoss kien ikkagunat minn xarretta ta' ziemel li dak il-hin kien qed jigi misjuq minn Johann Schembri ta' erbatax-il sena, li baqa' sejjer wara l-incident;**

5. **Illi l-hsara li mid-dokumenti pprezentati jirrizulta li giet kagunata b'dan l-incident tammonta komplessivament ghall-mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmu, (Lm282.92,0), flimkien ma hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00,0), ohra bhala "access";**

6. **Illi l-imsemmi sewwieq taz-ziemel de quo fil-qorti sostna li l-incident gara ghaliex il-konducenti tal-vettura de quo fethitlu l-bieba;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-agir ta' Johann Schembri ma jimmilitax favur it-tezi tieghu stante li ma l-incident hu harab minn fuq il-post u ma kienx facili li jigi rintraccat;**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta bil-versjoni ta' l-atturi u konsegwentement tilqa' t-talbiet taghhom;**

**Ghaldaqstant din il-qorti:**

1. **Tiddikjara lil Johann Schembri unikament responsabbli ghall-incident de quo;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmu, (LM282.92,0), oltre l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), bhala "access";**

3. **Tikkundanna lil Anthony Schembri bhala kuratur ad litem ta' ibnu minuri Johann biex ihallas l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**